MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 1322/1999/1

**Paul Ellul**

**Vs**

**Anthony Coppini u**
**Millenium Insurance Agency Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu sofferti fl-incident awtomobilisiku li sehh nhar it-30 ta' Mejju 1999 cirka 20.45 fi Vjal il-Blue Grotto, iz-Zurrieq meta konsegwenza ta' sewqan hazin, negligenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, il-konvenut ikkawza l-incident aktar il-fuq indikat bil-konsenwenza li l-vettura proprjeta tal-mittenti Nru ta'

registrazzjoni JAP 345 garbet hsarat konsiderevoli ghall-liema hsarat jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Ghal fini ta' kompetenza ma jeccedix Lm1,000 (elf lira Maltin).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Coppini (fol 2 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett illi:

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' l-attur innifsu.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 3 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett illi:-

1. **<u>In linea preliminari</u>** is-socjeta' eccipjenti mhix l-assikuratur tal-vettura Nru DAV 314 misjuqa mill-konvenut Anthony Coppini. Is-socjeta' eccipjenti hija agent tas-socjeta' assikuratrici estera H.R. Rivington & Others – Syndicate 1069 li kienet l-assikuratur tal-vettura misjuqa mill-konvenut Anthony Coppini. Ghaldaqstant – kif imharrka – is-socjeta' eccipjenti ma tistax tkun il-legittima kontradittur tal-attur. Ghalhekk ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. **<u>Bla pregudizzju</u>** ghall-premess – **<u>ukoll in liena preliminari</u>** is-socjeta' eccipjenti anke bhala mandatarja tas-socjeta' assikuratrici estera H.R. Rivington & Others – Syndicate 1069 ma ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur u ghaldaqstant ma tistax tkun il-legittima kontradittur tal-attur. Ghalhekk ghandha tkun liberata mill-ossevanza tal-gudizzju.
3. **<u>Bla pregudizzju</u>** ghall-premess, **<u>fil-meritu</u>**, it-talba tal-attur ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-attur innifsu.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2000 (fol 9 ibid) u li biha l-attur qara u ppresenta nota ta' cessjoni in rigward is-socjeta konvenuta izda zamm ferm in- rigward is-sorte u spejjes in konnessjoni mal-konvenut, Anthony Coppini (ara, ukoll, fol 10 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi PS 184 Saviour Cacciattolo (fol 21 et seq ibid) kien investiga dan il-kaz u wara li esebixxa kopja tar-rapport (fol 25 et seq ibid) u tal-iskizz (fol 29 ibid) maghmulin minnu spjega illi l-attur kien qed jsuq fuq Vjal il-Blue Grotto, deskritt minnu bhala triq dritta u principali waqt li l-konvenut kien hiereg minn Triq il-Qrendi, indikata minnu bhala fergha laterali. In rigward din l-ahhar triq, ma kienitx murija fuq l-iskizz peress li din tinsab "… in-naha ta' fuq fejn hemm 'service road' ". Inoltre kif ser tohrog minn din it-triq laterali,hemm "… vista hafna minghajr ostakoli".

Illi, a fol 26, jinsabu mnizzlin il-versonijiet li nghataw lill-istess xhud mill-partijiet involuti. Difatti l-attur, li kien qed jsuq il-vettura numru JAP 345, stqarr illi kien qed jsuq fl-imsemmi vjal meta karozza ohra numru DAV 314 harget minn Triq il-Qrendi, direttament ghal quddiemu. Minhabba hekk hu gie kostrett li jolqot il-bankina u bhala konsegwenza, il-karozza misjuqa minnu "… rebounded and the first impact occurred" u dan fuq il-bieba ta' wara fuq il-lemin. Wara hu habat mal-hajt u waqaf mal-bankina xi ftit metri l-boghod.

In rigward il-konvenut, is-sewwieq tal-vettura numru DAV 314, dan stqarr illi kien hareg minn Triq il-Qrendi u l-vettura l-ohra li kienet qed tinsaq warajh u b'velocita gholja habtet fih. Difatti, hu jsostni li di gja kien, fuq it-triq principali meta sehhet il-kollisjoni.

Illi l-istess Ufficjal tal-Pulizija kien gie riprodott in kontro ezami (fol 66 et seq ibid). Hawnhekk hu spjega illi l-

imsemmija triq laterjali hi naqra l-boghod minn fejn gara gan l-incident minghajr, pero', ma seta' jiftakar kemm kienet din id-distanza. Wara li spjega li l-iskizz, imsemmi, hu skalat, hu specifika illi l-marki ta' 'brakes' murija huma ukoll 'to scale' u dawn ".. irribatthom mal-vetturi JAB(P)345 a bazi ta' dak li ntqal lilu fuq il-post".

Illi l-attur meta xehed 'viva voce' (fol 23 u fol 69 et seq ibid) semma li kien gej mid-direzzjoni ta' Wied iz-Zurrieq, u "Kif wasalt ezattament quddiem Qrendi Road" "… smajt daqqa fuq il-pilastri fuq in-naha tad-drive' tal-karozza tieghu". Skond hu jidher li mit-triq laterali kien hareg il-konvenut, fuq il-lemin tieghu. In kontro ezami, hu spejga illi meta gara l-akkadut, "… kien ghadu ma dalamx ghal kollox"' u kellu mixghulin, biss, "…is-'side lamps' iz-zghar". Hu sostna illi l-konvenut "… harigli" "… peress li jiena qlajt daqqa fuq il-bieba ta' wara" waqt li "… id-daqqa fuq il-vettura l-ohra kienet fuq il-fanal ta' wara …". Hu kompla billi qal illi "…kif l-iehor gie 'parallel' mieghi, hu habat mieghi genb ma' genb". Sussegwentement, hu kkorrega ruhu billi qal "… jiena lis-sewwieq l-iehor kont rajtu meta kien ghadu wieqaf fuq l-'stop sign' (f'Triq il-Qrendi)" li tinsab qabel 'service road'. Inoltre hu rribadixxa illi l–hsara li kellu kienet fuq il-bieba ta' wara' u wara li nghata din id-daqqa, il-vettura tieghu habtet, bhala konsegwenza mal-hajt.

Illi gie prodott bhala xhud mill-attur, Charles Zammit (fol 34 ibid) li qabel l-incident in esami kien qed jsuq il-vettura tieghu immedjatament wara dik wzata mill-attur. Testwalment hu xehed "F'daqqa wahda, rajt li minn 'stop sign' hareg 'van' u laqat lill-attur" u dan tal-ahhar "Bid-daqqa baqa' diehel fil-hajt…". In rigward il-konvenut, hu ma kienx rah ".. wieqaf fuq l-istop sign…" izda "hiereg biss".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 76 et seq ibid) jsostni illi, qabel ma hareg ghal go t-triq principali, hu kien waqaf fuq l-imsemmija 'stop sign' li tinsab kif di gja ntqal qabel 'service road'. Hawnhekk hu ra' illi, fuq is-'service road'

ma kienx ghaddej traffiku. Ghalhekk hu qasam is-‘service road’ u hawnhekk hares lejn ix-xellug w il-lemin tat-triq principali msemmija u ra’ li “… kollox kien ‘clear’ “. Ghalhekk hu hareg izda kif lahaq saq ghall-madwar mitt (100) metru, dejjem fuq l-istess triq principali, hu sema’ hoss ta’ ‘brakes’ u daqqa fuq wara tal-vettura misjuqa minnu. Hu kien intlaqat, skond hu, fuq il-naha tax-xellug ta’ wara. Dwar il-hsara fuq il-vettura l-ohra, hu semma illi din kienet fuq quddiem fuq ix-xellug kif ukoll fuq il-genb taghha tal-lemin. Jigi notat illi hu sema’ illi lejn il-lemin, kif inti hiereg mit-triq laterali hemm vizwali ta’ madwar hames mitt (500) metri.

Ikkunsidrat

Illi konsiderati iz-zewg versjonijiet tal-fatti in esami, il-Qorti tara illi id-decisjoni taghha ghandha tkun bazata fuq ix-xhieda ta’ Charles Zammit kif ukoll fuq il-hsara kagunata fuq iz-zewg vetturi. Fil-fehma tal-istess Qorti, dawn jikkorroboraw, fuq bazi ta’ probabilita, dak li xehed l-attur. Konsegwentement, dejjem fuq l-istess bazi (aktarx iva milli le) jidher li il-konvenut, qabel ma hareg u saq sabiex jidhol fuq it-triq principali, ma esplorax, kif suppost l-istess triq sabiex jara jekk kienx hemm traffiku fuqha. Din l-ommissjoni da parti tal-konvenut ghandha tigi konsiderata bhala l-unika fattur li kkaguna dan l-incident. Il-Qorti difatti rat jekk kien x hemm xi nuqqas da parti tal-attur li seta’ jikkontribwixxi ghall-istess kollisjoni u wara li kkonsiderat jekk il-‘brake marks’ setghux isiru sewqan b’velicita gholja da parti tal-attur , it-twegiba ghandha tkun fin-negattiv.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-‘quantum’ ta’ danni li jista’ jkun pretiz mill-attur, dan kien xehed fit-30 ta’ Ottubru 2000 illi “… ghadni qed nirranga l-karozza tieghi”. Inoltre il-Qorti tinsab rinfaccjata bil-fatt illi ma ingiebet ebda prova sabiex tkun tista’ tillikwida l-ammont ta’ danni dovut lill-istess attur. Minhabba din il-mankanza, il-Qorti sabiex ma thalliex xi talba pendenti u minghajr decisjoni ser tagixxi ‘arbitrio bono visi’ a bazi ta’ a) dak li jinghad fl-avviz illi l-istess danni ma jeccedux l-elf lira maltin (Lm1,000) u b) l-istess

hsarat deskritti bhala 'slight' a fol 26 ibid taht 'vehicle damage. Ghalhekk il-Qorti, a bazi ta' dak premss, ser tillikwida l-istess danni fl-ammont ta' Lm500 ossija €1164.69.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront tas-socjeta' Millenium Insurance Agency Limited (ara fol 9 u 10 tal-istess atti), tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut u:
a) Tiddikjara lill-istess konvenut bhala unikament responsabbli ghall-kollisjoni in esami u dan minhabba sewqan hazin, negligenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;
b) tillikwida l-ammont ta' danni kif spjegat fl-ammont ta' Lm500 ossija €1164.69 u;
c) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm500 ossija €1164.69 bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali presententa matul Gunju 1999 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali isemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------